# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 22 ta' Frar, 2017.**

**Talba Nru: 424/2016PA**

**GO p.l.c.**

**vs**

**Marek Drga**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-5 t'Ottubru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi ppremettiet li l-konvenut għandu jagħtiha s-somma ta' sitt mija u ħamsa u sittin Ewro u żewg ċenteżmi (€665.02ċ) in konnessjoni ma' servizz elettroniku ta' komunikazzjoni magħruf bħala 'Limitless 60' li ġie prestat minnha lilu fuq il-kont numru AC40508968; illi għalkemm il-ftehim biex jingħata dan is-servizz kien sar mas-soċjeta' Mobisle Communications Ltd, dik is-soċjeta' ġiet amalgamata fis-soċjeta' attriċi b'effett mid-19 ta' Diċembru 2015; li minkejja li l-konvenut kien interpellat diversi drabi biex iħallas, dan baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża. Is-soċjeta' attriċi talbet ukoll li titħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament prospett tal-ħlasijiet mitluba datat 12 ta' Jannar 2016 (Dok.'A', fol. 2-4) minn fejn jirriżulta li l-konvenut jirrisjedi r-Rabat, Għawdex; kopja tal-kuntratt relattiv (Dok.'B', fol. 5); estratt mir-Reġistru Elettorali li juri li l-konvenut jinsab reġistrat fl-istess indirizz f'Għawdex (Dok.'C', fol. 6) u affidavit ta' Charmaine Wiffen (Dok.'D', fol.7).

Ra li fl-affidavit tagħha, Charmaine Wiffen iddikjarat li hija impjegata fid-Dipartiment tal-*Credit Control* mas-soċjeta' attriċi, u li l-konvenut fadallu jħallas lill-istess soċjeta' s-somma ta' sitt mija u ħamsa u sittin Ewro u żewġ ċenteżmi (€665.02ċ) għal servizzi prestati lilu minnha sa mill-1 ta' Frar 2015.

Ra li, fir-riferta redatta mill-marixxall Ronald Tabone, hemm indikat li l-konvenut m'għadux jirrisjedi fil-post fejn jinsab reġistrat fir-Reġistru Elettorali.

Ra li, għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ bil-mezz tal-publikazzjoni u l-affissjoni, ma pprezentax Risposta, u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra li, fl-udjenza tal-10 ta' Jannar 2017, it-Tribunal qajjem *ex ufficio* l-kwistjoni tal-*privilegium fori* fit-termini tal-**art. 741(c)** u **767** *et seq.* tal-Kap. 12.

Ra li, fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2017, is-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jogħġbu jibgħat l-atti ta' din il-kawża lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex tiġi assenjata lil dan it-Tribunal, kif diversament presjedut, għas-smigħ fil-gżira ta' Għawdex, u in sostenn ta' dan ippreżenta kopja ta' sentenza fl-ismijiet **Silvana Gandolfo Mazza vs Arriva Malta Ltd**, mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fit-18 ta' Novembru 2013 (fol. 24 *et seq.*).

Ra li, fil-frattemp, il-konvenut baqa' ma deherx quddiem it-Tribunal biex jikkontesta l-kawża.

Ikkunsidra:

Din is-sentenza parzjali hija limitata għall-kwistjoni jekk il-konvenut, li mill-atti jidher li kien jirrisjedi l-aħħar fil-gżra ta' Għawdex, għandux il-benefiċċju li jiġi msejjaħ biex jidher quddiem dan it-Tribunal fil-gżira ta' Għawdex.

Irid jingħad qabelxejn li l-konvenut, li skond l-atti jidher li m'għadux jirrisjedi fl-aħħar indirizz mogħti, fil-gżira ta' Għawdex, u minħabba f'hekk ġie notifikat bl-atti ta' din il-kawża bil-mezz tal-publikazzjoni u l-affissjoni fit-termini tal-**art. 187(3)** tal-Kap. 12, naqas li jippreżenta Risposta, u jidher biex jikkontesta l-kawża, u għalhekk għandu jitqies li baqa' kontumaċi f'dawn il-proċeduri fit-termini tal-**art. 158(10)** tal-Kap. 12.

Huwa magħruf fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna li l-kontumaċja *'ma tfissirx u ma tistax tiġi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet* ***Blye Engineering Co. Ltd vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech*** *deċiża fit-22 ta' Ġunju, 2005, Appell Ċivili per Onor. Imħallef Philip Sciberras: "...huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm mil-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jezamina jekk it-talba hix ġustifikata, indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;" Illi infatti fis*-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs Brian Mizzi et noe****, Appell, 27 ta' Marzu, 1996 ingħad: "Illi fl-aħħar nett irid jingħad illi, skond il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, il-konvenut li jibqa' kontumaċi, bħall-każ odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, iżda jitqies li jkun irrimetta ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eċċezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawża billi kif ġie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-*Appell in re **Hammet vs Genovese** *mogħtija fil-31 ta'Jannar 1991: "Il-Qorti m'għandhiex tissolleva eċċezzjonijiet li mhix awtorizzata espressament mill-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni pubblika. Għaliex altrimenti tinħoloq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeċiedi fuq eċċezzjoni tagħha stess ħaġa li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' prinċipju kardinali tas-smigħ xieraq tal-*

*kawża;" Vide ukoll sentenza fl-ismijiet* ***Joseph Aquilina noe vs Lino Debono****, Qorti tal-Appell, deċiża fis-7 ta' Ottubru, 1997.*[1]

Fuq din l-aħħar kwistjoni, il-liġi stess trid fl-**art. 772** tal-Kap. 12 li *'kontumaċja tal-parti titqies bħala talba għal dak il-privileġġ'* (privileġġ tal-forum fejn dan huwa applikabbli). Kien għalhekk li dan it-Tribunal, immedjatament wara n-notifika tal-konvenut bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, deherlu li kellu jqajjem *ex ufficio* din il-kwistjoni.

Imiss għhalhekk li t-Tribunal jinvestiga jekk (i) dan il-privileġġ jeżistix fir-rigward ta' dan it-Tribunal; u (ii) il-konvenut igawdix minn dan il-benefiċċju, ladarba ma jirrizultax pruvat li għadu jirrisjedi fil-Gżira ta' Għawdex.

Il-punt tat-tluq għal dan it-Tribunal biex jiddetermina jekk il-konvenut, fiċ-ċirkostanzi li jirriżultaw mill-atti, igawdix dan il-benefiċċju quddiem dan it-Tribunal, huwa l-**art. 767** tal-Kap. 12 li jipprovdi li *'Il-benefiċċju msemmi fl-artikolu 741(c) hu mogħti lill-persuni li joqogħdu fil-Gżira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gżira, u lil dawk li joqogħdu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta' dawk il-Gżejjer'.*

Għalkemm mir-riferta tal-marixxall Ronald Tabone (fol. 10), jidher li l-konvenut m'għadux jirrisjedi fl-indirizz li jirriżulta fl-atti, u li huwa fil-gżira ta' Għawdex, lanqas jirriżulta li qiegħed jgħix f'Malta jew barra minn Malta. Minhabba f'hekk, il-proċedura tal-affissjoni fit-termini tal-**art. 187(3)** tal-Kap. 12 ġiet eżegwita fil-gżira ta' Għawdex, fil-belt fejn jidher li kien jirrisjedi l-aħħar il-konvenut.

Stabbilit għalhekk li l-aħħar post ta' residenza magħruf tal-konvenut kien fil-gżira ta' Għawdex, imiss issa li t-Tribunal jikkunsidra jekk hux mogħti lill-konvenut imħarrek quddiemu u residenti fil-gżira ta' Għawdex il-benefiċċju li jissejjaħ quddiem dan it-Tribunal li joqgħod fil-gżira ta' Għawdex.

[1] **Bank of Valletta plc vs Mario Mifsud et**, Prim'Awla (JPG), 19.1.2017

L-Att dwar Tribunal Għal Talbiet Żgħar (Kap. 380) waqqaf bl-**art. 3(1)** *'t-Tribunal għal Talbiet Żgħar'* biex *'jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)'* (**art. 3(2)**, Kap. 380). L-**art. 3(4)** tal-Att dwar Tribunal Għal Talbiet Żgħar imbagħad jipprovdi hekk:

> **(4) It-Tribunal għandu jżomm il-laqgħat tiegħu f'dak il-post jew dawk il-postijiet f'Malta u Għawdex hekk kif il-Ministru jista' jistabbilixxi b'ordni fil-Gazzetta u t-Tribunal għandu, sa fejn ikun prattikabbli, iżomm il-laqgħat tiegħu fil-gżira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja tagħha.**

Bir-**Reg. 2(1)** tal-Avviż Legali 252/2000[2], il-leġislatur stabilixxa Regoli dwar il-ħinijiet u l-postijiet tas-seduti tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, fis-sens li:

> It-Tribunal għal Talbiet Żgħar ghandu jżomm is-seduti tiegħu fil-bini tal-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta li jinsabu fil-Belt Valletta, u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-Belt Victoria, Għawdex ...

L-**art. 774** tal-Kap. 12 imbagħad jelenka b'mod tassattiv iċ-ċirkostanzi li fihom *'il-qorti għandha, ex officio, tiddikjara l-inkompetenza tagħha'*. Iċ-ċirkostanzi elenkati f'din id-disposizzjoni ma jinkludux il-każ fejn il-konvenut jitlob, jew jitqies daqslikieku talab, il-privileġġ tal-forum mogħti bl-**art. 741(c)**, u spjegat bl-**art. 767** tal-Kap. 12.

Wara li qies dawn id-disposizzjonijiet kollha, it-Tribunal jaqbel mal-konklużjoni ta' dan it-Tribunal, diversament presjedut, fis-sentenza fl-ismijiet **Silvana Gandolfo Mazza vs Arriva Malta Ltd**[3], li għaliha għamel riferenza l-abbli difensur tas-soċjeta' attriċi, li l-liġi li waqqfet dan it-Tribunal, filwaqt li ħolqot tribunal wieħed, unitarju, b'ġurisdizzjoni wiesa' li tkopri *'t-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn*

---

[2] Leg. Suss. 380.02 li ssostitwixxa l-Avviż Legali 142/1995 – Ordni ta' l-1995 dwar it-Tismija ta' Postijiet għat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,174, 10 ta' Ottubru 1995, Taqsima B (B1041)
[3] 18.11.2013, Dok. X, fol. 24 *et seq*.

*ħamest elef euro (€5,000)'* (**art. 3(2)**, Kap. 380), kemm jekk il-konvenut jirrisjedi fil-gżira ta' Malta, jew fil-gżejjer ta' Għawdex jew Kemmuna, vestietu bl-obbligu li *'jara li s-seduti tiegħu għandhom jinżammu, sa fejn ikun prattikabbli, fil-gżira fejn il-persuna li kontrieha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja tagħha'*.[4] Dan allura jfisser, kif deċiż mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza **John Portelli et vs Victor Cachia et**[5], li *'l-Att numru V ta' l-1995 johloq Tribunal għal Tabiet Żgħar wieħed biss ... kuntrarjament għal dak li nsibu fil-każ tal-qrati inferjuri'* u konsegwentement *'ma jirriżulta li hemm l-ebda provvediment ... li jagħti benefiċċju simili [privilegium fori] lill-konvenut'*, għalkemm il-liġi tvesti lil dan it-Tribunal kif kompost, adit biex jisma' l-kawżi assenjati lilu fil-gżira ta' Malta, bid-<u>diskrezzjoni</u> jekk jitlobx lir-Reġistratur jibgħat il-kawża għas-smigħ quddiem l-istess Tribunal, diversament kompost, li jisma' l-kawżi fil-gżira ta' Għawdex.

Din id-diskrezzjoni vestita fit-Tribunal ma tfissirx li dan m'għandux jidħol fil-kwistjoni tal-jedd tal-konvenut li jitharrek fil-gżira fejn jirrisjedi, jew li jkollu l-faċilita' jikkontesta l-proċeduri f'dik il-gżira, meta jirriżulta car li l-konvenut ikun attwalment residenti f'dik il-gżira, u meta l-istess Tribunal huwa tenut li jżomm seduti f'dik il-gżira wkoll. Kif ingħad fis-sentenza **Albert Xiberras et vs Mark Sammut**[6], *'tali diskrezzjoni għandha tieħu in konsiderazzjoni r-residenza tal-konvenut, b'dan li fejn huwa prattikabbli s-smigħ tal-kawża għandu jiġi determinat skond l-istess, ħlief għar-raġunijiet li jistgħu jimmilitaw għal dan, li għandhom ikunu raġunijiet eċċezzjonali, bħal per eżempju l-provi kollha huma fi Gżira oħra, iżda ma hemm l-ebda dubju li l-ewwel xelta u preferenza għħandha bħala regola tkun dejjem li s-sede fejn għandha tinstema' l-kawża hija determinata fejn jirresjedi l-konvenut'*. F'dak il-każ, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) ħassret bi kritika d-deċiżjoni tat-Tribunal, li kien qed jisma' l-kawżi f'Għawdex, li ma jibgħatx il-kawża għas-smigħ fil-gżira ta' Malta, fejn seħħ ix-xogħol mertu tal-kawża, u fejn kellu jsir il-pagament appożitu, għaliex sostna li b'daqshekk il-konvenut ma kienx ser isofri preġudizzju, u għaliex is-smigħ quddiem dan it-Tribunal huwa sommarju u għandu jsir f'seduta waħda. Fi kliem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri), *'dan ir-ragunament*

[4] Ara pg. 2 tas-sentenza **Gandolfo Mazza vs Arriva Malta Ltd**, *supra*
[5] Qorti tal-Appell (Appell mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar), per Imh. N. Arrigo, 11.7.2002
[6] Appell (Inferjuri), per. Imh. R. C. Pace, 17.11.2011

*huwa għal kollox estraneu għal dak li tipprovdi l-liġi, u dan peress li l-liġi stess tgħid li kawza kontra l-konvenut għandha preferibilment, u sa fejn huwa possibbli, tinstema' fejn jirrisjedi l-konvenut'.*

Wara li qies id-disposizzjonijiet kollha rilevanti, u r-raġunament ġudizzjali fis-sentenzi ċitati b'interpretazzjoni tal-istess disposizzjonijiet, fid-dawl ukoll tal-kontumaċja tal-konvenut u d-dritt ta' difiża tiegħu, u li bis-smigħ tal-kawża fil-gżira ta' Għawdex, is-soċjeta' attriċi m'hi ser tbati ebda preġudizzju, anke jekk il-post ta' residenza attwali tal-konvenut f'dik il-gżira mhux aċċertat, it-Tribunal wasal għall-konkluzjoni li għandu jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi u jibgħat l-atti ta' din il-kawża lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex tiġi assenjata għas-smigħ lil ġudikatur ta' dan it-Tribunal adit li jisma' l-kawżi fil-gżira ta' Għawdex.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, it-Tribunal kif kompost, u adit biex jisma' l-kawżi fil-gżira ta' Malta, qiegħed jieqaf milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawża, u qed jibgħat l-atti tagħha lir-Reġistratur sabiex, bi spejjeż tas-soċjeta' attriċi, din il-kawża tiġi assenjata għas-smigħ lil dan it-Tribunal, diversament kompost, adit biex jisma' l-kawżi fil-gżira ta' Għawdex.

L-ispejjeż ta' dan l-inċident għandhom jibqgħu a karigu tas-soċjeta' attriċi.

**Avukat, Phyllis Aquilina LL.D.**

**ĠUDIKATUR**